GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR231870 | 28.11.2023 | 2 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Ir-rapport annwali tal-Qorti Ewropea jiġi ppreżentat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

Aktar kmieni llum, il-Membru Malti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Dr George Marius Hyzler, għamel żjara ta' kortesija lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia.

Matul din il-laqgħa, Dr Hyzler ippreżenta kopja tar-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena 2022.

L-Ispeaker, filwaqt li rringrazzja lil Dr Hyzler tal-ħidma tiegħu fi ħdan il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, infurmah li r-rapport kien se jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tal-lum.